# Kulleġġ San Nikola
Sekondarja Subien Naxxar

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
Frar 2014

Suġġett: Studji Soċjali | Form 3 | Ħin: Siegħa u Nofs

Isem ________________________________ Klassi ____________

**Din il-karta tal-eżami fiha SITT taqsimiet.**

**Aqra sewwa l-istruzzjonijiet fit-titli ta' kull eżerċizzju.**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA.**

## Għall-użu tal-għalliema

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima Ċ | Taqsima D | Taqsima E | Taqsima F | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | 7 | 20 | 20 | 20 | 20 | 100% |
| | | | | | | |

**Taqsima A. Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra tal-kelma qed tingħata. (10 marki)**

Il-komunità lokali hija **g**__________ ta' nies illi jgħixu fl-istess **r**___________. Kull komunità lokali f'Malta, għandha diversi karatteristiċi li jgħinu biex **j**______________ u jagħtu **i**_______________ lir-residenti.

Il-komunità tikkonsisti wkoll f'diversi **g**____________. Fost dawn nistgħu nsemmu __________________ u _____________________. L-iskop tagħhom huwa li jmexxu l-lokalità tagħhom 'l **q**__________________.

Barra minnhekk, kull lokalità tinkludi fiha diversi **i**_______________________ soċjali. Dawn huma organizzazzjonijiet **f**__________________ li jgħinu fl-iżvilupp tal-komunità.

**(a) Agħti eżempju konkret ta' organizzazzjoni fil-lokalità tiegħek u**

**(b) Spjega kif din qed tgħin fl-iżvilupp tas-soċjeta'.**

(a) ______________________________________________________ *(marka)*

(b) ______________________________________________________

______________________________________________________ *(2 marki)*

**Taqsima B. Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. (7 marki)**

1. L-edukazzjoni hija
   a) dmir fundamentali.
   b) dritt fundamentali.
   c) la dritt u lanqas dmir.

2. F' Malta l-edukazzjoni obbligatorja hija
   a) minn tlett snin sa sittax-il sena.
   b) minn ħames snin sa sittax-il sena.
   c) minn ħames snin sa ħmistax-il sena.

3. Edukazzjoni ħolistika tinkludi
   a) l-iżvilupp akkademiku biss.
   b) l-iżvilupp soċjali biss.
   c) l-iżvilupp ta' bniedem sħiħ.




4. L-edukazzjoni
   a) tgħin biex jitjiebu r-riżorsi umani tal-pajjiż.
   b) tgħin biex ikolli ċertifikati tajbin biss.
   c) mhix importanti.

5. Id-dixxiplina li nitgħallem l-iskola
   a) ddejjaqni.
   b) hija bla sens.
   c) tgħinni aktar 'l quddiem fil-post tax-xogħol.

6. Malta m'għandnix riżorsi umani, għalhekk nisħqu ħafna fuq l-importanza
    a) tar-riżorsi umani.
    b) li nfittxu ż-żejt.
    c) li l-Unjoni Ewropeja tagħtina aktar flus.

7. Ir-riżorsi umani f'Malta ġew żviluppati
    a) matul l-aħħar ħamsin sena.
    b) matul l-aħħar mitejn sena.
    c) riċentament.

**Taqsima D. Fisser dan il-kliem.** **(5 x 4 marki = 20 marka)**

1. Edukazzjoni tul il-ħajja.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Kultura.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Multi-kulturaliżmu.

4. Opportunitajiet indaqs.

5. Dritt fundamentali.

**Taqsima E. Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom. (20 marka)**

1. John huwa student ribelluż ħafna. Ir-regoli jdejquh u jara kif jagħmel biex jiksirhom. L-iskola jaqla' ħafna nkwiet u riżultat t'hekk qiegħed jispiċċa ħafna drabi sospiż. John, qiegħed jagħmel tajjeb? Kieku kellek tkellmu, x'parir tagħtih?

*(4)*

2. "Għandi seba' mitt sena sakemm nitlaq mill-iskola", qal Angelo lil Mark. Kieku int Mark, xi tkun ir-risposta tiegħek? Agħti **tlett** raġunijiet għaliex ħafna nies jibqgħu jitgħallmu u jistudjaw tul ħajjithom kollha.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ *(4)*

3. Immaġina li l-awtoritajiet f'Malta iddeċidew li ma jipprovdux aktar edukazzjoni fl-iskejjel għax qed tiswa' lill-pajjiż miljuni kbar ta' flus. Inti ġejt mitlub biex tirrapreżenta grupp kbir ta' nies li ma jaqblux ma' din id-deċiżjoni u twassal leħinhom mal-awtoritajiet li ħadu din id-deċiżjoni. (a) Kif ser tikkonvinċihom li d-deċiżjoni li ħadu hija ħażina? (b)Fuq xiex ser tibbaża l-kritika tiegħek?
Agħmel dan billi tindirizza ittra lill-Ministeru tal-Edukazzjoni fejn fiha tispjega l-importanza tal-edukazzjoni.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(12)

**Taqsima E. Aqra din is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

Id-dinja li ngħixu fiha tinkludi numru kbir ta' popli u ġenerazzjonijiet differenti. Dawn kollha jiġu identifikati permezz tal-kultura tagħhom, għax il-kultura tagħtina identità. Illum, għal diversi raġunijiet, il-kulturi qed jitħalltu u jgħixu flimkien. Il-multi-kulturaliżmu huwa l-fenomenu ta' żmienna illi mhux kulħadd jaqbel miegħu.



1. Iddeskrivi fi kliemek il-kultura Maltija u xi elementi uniċi li jsawwruha.

(5 marki)

2. Il-kultura hija statika jew dinamika? (a) Spjega għaliex u (b) agħti eżempju wieħed mill-kultura Maltija.

(a) (3 marki)

(b) (marka)

3. Xi tfisser meta ngħidu li l-kultura tagħtina identità?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

4. X'jissejjaħ il-proċess li fih nitgħallmu l-kultura tagħna.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

5. Semmi **żewġ** aġenti ewlenin li permezz tagħhom nitgħallmu l-kultura ta' pajjiżna.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ *(2 marki)*

6. (a) Xi nkunu qed infissru meta ngħidu **'pajjiż multi-kulturali'**?

   (b) Taqbel jew le mal-multi-kulturaliżmu? Għaliex?

   (a) ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________ *(3 marki)*

   (b) ______________________________________________________________

   ______________________________________________________ *(2 marki)*

**Taqsima F. Agħżel waħda mit-temi li ġejjin u ikteb f'madwar 250 kelma dwarha. (20 marka)**

1. Kull komunità lokali għandha l-identità tagħha. Ħafna mill-irħula llum jaħdmu ħafna biex imexxu r-raħal tagħhom 'l quddiem. B'referenza għar-raħal tiegħek, (a) spjega kif dan qed jiżviluppa u (b) għid kif jista' jimxi aktar 'l quddiem.

***JEW***

2. L-edukazzjoni ħolistika hija essenzjali biex persuna timxi 'l quddiem. Spjega x'inhi edukazzjoni ħolistika billi tispjega l-importanza tagħha fl-iżvilupp personali tiegħek.

***JEW***

3. Malta hija parti mid-dinja u għalhekk qed tinbidel minħabba l-fenomenu tal-multi-kulturaliżmu. (a) Kif nindunaw li Malta huwa pajjiż multi-kulturali? (b) Fisser fi kliemek kif il-multi-kulturaliżmu qiegħed ibiddel il-kultura tradizzjonali Maltija.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

**TMIEM IL-KARTA**